MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2006

Numru 1115/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**Spettur Ramon Mercieca**
**v**

**ANTHONY ABELA**
**JOSEPH ATTARD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **ANTHONY ABELA** ta' tmienja w erbghin sena bin Carmelo u Melita nee Gauci, imwieled Pieta nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 1958 minghajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita numru 440358M u **JOSEPH ATTARD** ta' disgha w erbghin sena bin Francis u Helen nee Micallef, imwieled B'Kara nhar l-erbgha ta' Marzu 1958 u joqghod 35, Sqaq Karla, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 185458M, gew imressqa quddiemha

akkuzati talli fit-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 2006, ghal habta tas-sebgha w nofs ta' wara nofsinhar, u/jew qabel, mill-fond numru 135, Point Solutions sitwat fi Triq il-Wied, B’Kara,

1. ikkommettew serq ta' diversi oggetti ghad-dannu ta’ Francis Xuereb, Kevin Taliana u/jew tas-socjeta Point Solutions Company Limtied, liema serq hu aggravat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin;

2. talli voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-hamsin lira maltin izda izjed minn ghaxar liri malting had-dannu tal-istess Francis Xuereb, Kevin Taliana u/jew tas-socjeta Point Solutions Company Limtied;

3. talli bil-hsieb li jaghmlu delitt, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta taghhom, u li kieku gew esegwit, kien ikun reat ta’ serq aggravat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira malting had-dannu ta’ Francis Xuereb, Kevin Taliana u/jew tas-socjeta Point Solutions Company Limtied;

4. talli xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod iehor li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

5. talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, rrendew ruhhom recidivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li nstabu hatja b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-fedini penali tal-imputati esibiti bhala dokumenti CSH 2 u CSH 3 kif wkoll l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess imputati li jinsabu mmarkati bhala dokumenti CSH 4 u CSH 5.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2006.

Semghet l-ammissjoni taz-zewg imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan rigward l-ewwel [1], t-tieni [2], t-tielet [3] w il-hames [5] akkuza.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-orti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess zewg imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom t-tnejn hatja tal-akkuzi kif ammessmi minnhom.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li r-raba [4] akkuza inghatat minnha b'mod alternattiv ghal l-ewwel [1] akkuza w ghalhekk l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din r-raba [4] akkuza.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti rigwardanti l-piena u cioe illi nonostante l-ammisjoni bikrija taz-zewg imputati fl-ewwel opportunita moghtija lilhom, l-fedina penali tal-imputat Anthony Abela qisha ktieb bi tnejn u hamsin reat registrati fuqha fejn inghata diversi multi, ammendi, u sahansitra perjodi ta' prigunerija filwaqt li l-fedina penali tal-imputat Joseph Attard fuqha ghandu registrati sittax il-reat fejn

inghata diversi multi, ammendi u sahansitra anke perjodu ta’ prigunerija w ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li l-piena idoneja ghandha tkun dik ta’ prigunerija effettiva.

Illi huwa ovvju li l-imputati ma tghallmux jisfruttaw l-opportunitajiet moghtija lilhom mill-Qrati nostrani.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c), 278, 279, 280, 289, 326(c) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputati ANTHONY ABELA u JOSEPH ATTARD hatja tal-akkuzi kif ammessi minnhom stess u tiddeciedi li tikkundannhom ghal perjodu ta’ sentejn u nofs [2½] prigunerija effettiva kull wiehed mill-lum**.

**Il-Qorti taghmel r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin sabiex jaghti kull ghajnuna possibbli lil imputat Anthony Abela fil-problema li hu ghandu dwar l-abbuz mid-droga.**

Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------